MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Numru. 657/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**

**KONTRA**

**EDMOND ZERAFA ta' 25 sena, iben Francis u Tessie nee' Barbara, imwieled Tal-Pieta' nhar is-27 ta' Dicembru, 1984, residenti fil-fond Block H, Flat 9, Jean Houel Street, St Julian's detentur ta' l-karta ta' l-identita' numru 50685M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **EDMOND ZERAFA** li gie akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Mejju, 2008 f'dawn il-Gzejjer, u cioe' fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra, u fil-Qawra, San Pawl il-Bahar, iddenunzja lill-pulizija

ezekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

2. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku;

3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi, meta kien fil-pubbliku, qal xi kliem oxxen jew indicenti li kien ukoll jikkonsisti f'dagha.

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat fis-seduta ta' nhar is-18.02.2010, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti biex jahseb fuq l-istess;

Rat l-Artikoli 110, 108, u 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li ma gietx ezebita fedina penali tieghu.

Qieghda ghalhekk, minhabba s-serjeta' tal-kaz, tapplika l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputat ghal tlitt (3) xhur habs sospizi ghal sitt (6) xhur;
Tikkundannah ukoll ghal interdizzjoni generali ghal zmien ghaxar (10) snin.

Il-Qorti qieghda tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Qrati Kriminali u Tribunali ghad-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------